Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2023/2143(DEC)

5.2.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)
(2023/2143(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Romana Tomc

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2022;

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022;

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività (CAAR) 2022 tas-Cedefop;

1. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-"Qorti") iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari u li l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2022 hija rappreżentata b'mod ġust;

2. Jilqa' l-fatt li l-baġit tas-Cedefop għas-sena finanzjarja 2022 żdied għal EUR 26 miljun (25 miljun fl-2021)[1]; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li s-Cedefop essenzjalment uża l-finanzjament disponibbli kollu tiegħu b'rata globali ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,98 %;

3. Japprezza l-attivitajiet u l-ħidma ta' kwalità għolja tas-Cedefop biex jipprovdi riċerka, analiżi kif ukoll għarfien espert u pariri tekniċi fil-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), tal-kwalifiki u tal-ħiliet, bil-għan li jippromwovi taħriġ ta' kwalità għolja mfassal għall-ħtiġijiet tal-individwi u tas-suq tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa li jibqgħu jiġu żgurati riżorsi umani u finanzjarji adegwati li jippermettu liċ-Ċentru jwettaq il-mandat tiegħu u jkompli jimplimenta l-programm ta' ħidma tiegħu b'rata għolja ta' tlestija tal-attivitajiet;

4. Jilqa' l-ħidma taċ-Ċentru biex jgħin fl-analiżi tal-impatt tal-pandemija u tat-tranżizzjoni diġitali fuq l-adattament tal-prattiki kummerċjali għar-realtajiet il-ġodda fis-suq tax-xogħol tal-Unjoni, pereżempju permezz tal-Istħarriġ dwar il-Kumpaniji Ewropej b'rabta mal-COVID-19 b'mod konġunt mal-Eurofound; jilqa', barra minn hekk, ir-rwol taċ-Ċentru fil-kompilazzjoni u t-tixrid tar-riċerka dwar in-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-eżerċizzji settorjali ta' prospettiva tal-ħiliet taċ-Ċentru, jiġifieri approċċ li jħares 'il quddiem biex wieħed jifhem liema huma l-profili tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni doppja;

5. Ifakkar fl-importanza tar-rwol taċ-Ċentru biex jiżgura li l-ħiliet diġitali jiġu integrati fil-VET madwar l-Unjoni u biex jissorvelja l-implimentazzjoni u l-impatt tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja

[1] Dawn iċ-ċifri tal-baġit ittieħdu mir-rapport annwali tal-QEA dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022 u huma bbażati fuq l-approprjazzjonijiet ta' pagament totali disponibbli matul is-sena finanzjarja.

soċjali u r-reżiljenza u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali;

6. Jinnota l-fatt li minħabba r-rati għoljin ta' inflazzjoni, u l-aġġustament tas-salarji relatat, iż-żidiet fis-salarji ogħla mill-projezzjonijiet inizjali flimkien ma' żieda fil-fattur ta' ponderazzjoni, il-flessibbiltà biex jiġu żgurati riżorsi addizzjonali għall-attività prinċipali kienet limitata;

7. Jifraħ lis-Cedefop għall-impenn tiegħu favur is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ u talli mexxa b'suċċess, flimkien mal-Eurofound, l-avveniment ta' ħames Aġenziji "Youth first! Employment, skills and social policies that work for young Europeans in times of uncertainty" (Iż-żgħażagħ jiġu l-ewwel! Politiki tal-impjiegi, tal-ħiliet u soċjali li jaħdmu għaż-żgħażagħ Ewropej fi żminijiet ta' inċertezza), ospitat mill-Parlament Ewropew f'Settembru 2022; japprezza l-fatt li l-avveniment kien opportunità addizzjonali biex jiġu diskussi l-politiki taż-żgħażagħ kif ukoll l-opportunitajiet u l-isfidi li ż-żgħażagħ qed jiffaċċjaw, f'termini ta' impjieg, kundizzjonijiet tax-xogħol, benesseri u saħħa mentali;

8. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Qorti sabet xi irregolaritajiet relatati mal-pagament tal-kumpens għas-sussistenza għal kull jum li saru mis-Cedefop lil żewġ esperti nazzjonali sekondati (SNEs) impjegati minnu; jirrikonoxxi l-fatt li s-Cedefop identifika u ddokumenta tali irregolaritajiet fir-reġistru tan-nuqqas ta' konformità u rrettifika s-sitwazzjoni abbażi ta' parir legali estern; jilqa' l-għan taċ-Ċentru li jemenda r-regoli tiegħu biex jagħmilha possibbli li kwalunkwe SNE li jkollu jibdel il-post tal-għajxien tiegħu u jirriloka f'Salonka jkun eliġibbli li jirċievi allowances, peress li dan jiżgura wkoll it-trattament ugwali tal-SNEs indipendentement min-nazzjonalità tagħhom;

9. Jiddispjaċih li l-Qorti għamlet osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja, b'mod partikolari li l-metodu ta' kalkolu tal-kontribuzzjoni ma ġiex applikat b'mod korrett u jistieden lis-Cedefop itejjeb il-proċeduri interni tiegħu f'dan ir-rigward;

10. Ifaħħar lis-Cedefop talli stabbilixxa pjan korporattiv biex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika u n-newtralità klimatika tal-operazzjonijiet tiegħu;

11. Jilqa' l-fatt li s-Cedefop ikkompleta l-azzjonijiet kollha meħuda abbażi tal-osservazzjonijiet tal-Qorti b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2021;

12. Jirrakkomanda, abbażi tal-fatti disponibbli, li tingħata l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-implimentazzjoni tal-baġit tas-Cedefop għas-sena finanzjarja 2022.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	11.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 –: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	João Albuquerque, Atidzhe Alieva-Veli, Dominique Bilde, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Jordi Cañas, David Casa, Leila Chaibi, Ilan De Basso, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cindy Franssen, Chiara Gemma, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Radan Kanev, Ádám Kósa, Katrin Langensiepen, Elena Lizzi, Sara Matthieu, Jozef Mihál, Max Orville, Dennis Radtke, Antonio Maria Rinaldi, Mounir Satouri, Monica Semedo, Eugen Tomac, Romana Tomc, Nikolaj Villumsen, Maria Walsh
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Amalric, Romeo Franz, Lina Gálvez Muñoz, José Gusmão
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Noichl, Carina Ohlsson, Vera Tax

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

36	+
ECR	Chiara Gemma
NI	Ádám Kósa
PPE	David Casa, Jarosław Duda, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Radan Kanev, Dennis Radtke, Eugen Tomac, Romana Tomc, Maria Walsh
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Catherine Amalric, Jordi Cañas, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Jozef Mihál, Max Orville, Monica Semedo
S&D	João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Lina Gálvez Muñoz, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Vera Tax
The Left	Leila Chaibi, José Gusmão, Nikolaj Villumsen
Verts/ALE	Romeo Franz, Katrin Langensiepen, Sara Matthieu, Mounir Satouri

1	-
ID	Dominique Bilde

2	0
ID	Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni